MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Numru 542/1998

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)
(Spettur Angelo Baldacchino)

vs

Carmen Butler

Il-Qorti;

Rat li l-imputata, Carmen Butler, ta’ 43 sena, mart Carmelo Butler, bint missier mhux maghruf u Mary nee’ Farrugia, imwielda Pieta’ fl-4 ta’ Ottubru 1964 u residenti Nru. 8, Triq il-Foss tas-Sur, Vittoriosa u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 514564(M), giet mressqa quddiemha akkuzata talli :-

(a) f’ Bormla, fit-18 ta’ Awissu 1998, sabiex tikseb vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali;

(b) fl-istess zmien u cirkostanzi, saret komplici fir-reat ta’ falsifikazzjoni maghmul mit-Tabib Michael Borg, billi gieghlet d-delitt isir, jew tat struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, jew billi xewwxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta’ ta’ l-awtur jew tal-awturi sabiex id-delitt isir, jew wieghdet lil awtur jew lill-awturi li wara tassistihom, tieqaf maghhom jew tikkompensahom ai termini tal-Artikoli 42-47 u 185(2), 188, 189, tal-Kodici Kriminali;

(c) fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn dokument jew certifikat falz mahrug jew moghti minn persuna illi minhabba l-kariga jew l-impjieg taghha, kienet fi dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat, u b’ abbuz t’ awtorita’ ghamlet jew tat dikjarazzjoni falza jew certifikat falz ai termini tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

(d) fl-istess zmien u cirkostanzi, biex tqarraq l-awtorita’, gabet quddiem din l-awtorita’ atti, dikjarazzjonijiet jew certifikati veri, u ghaddithom b’ qerq bhala li jirreferixxu ghaliha jew ghal haddiehor ai termini ta’ l-artikolu 338(hh) tal-Kodici Kriminali;

(e) fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni jew xjenetement ghamlet uzu minn dokument falsifikat, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 27 ta’ Awissu, 1998 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 3 tal-process.

Semghat lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sarilha nhar it-28 ta’ Awissu, 1998 (*folio* 8 tal-process) *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Illi dan il-kaz jirrigwarda certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabib Michael Borg fit-18 ta’ Awissu 1998 (esebit *a folio* 19 tal-process) fejn dan iccertifika dwar certu Charles Butler *“The above is suffering from enteritis and is unfit to go out of doors today”* u liema certifikat gieprezentat mil-limputata l-Ghassa ta’ Bormla fis-2.00pm tal-imsemmija data.

L-Ispettur Angelo Baldacchino li xehed fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru 1998 qal li fis-17 ta’ Awissu 1998 huwa kien qed jara l-gazzetti u qara li certu Charles Butler mill-Birgu kien gie arrestat Sqallija. Peress li huwa kien jaf li din il-persuna kien jifirma l-Ghassa ta’ Bormla f’certu granet huwa mar jiccekkja r-Registru tal-iffirmar u sab li dan Charles Butler suppost kellu jiffirma fit-18 ta’ Awissu 1998 bejn il-5.00pm u s-7.00pm u ra li fir-Registru kien hemm inserit certifikat mahrug minn Dr. Michael Borg li kien jghid li Charles Butler ma kienx jiflah. Wara irrizulta li dan ic-certifikat kien gie prezentat l-Ghassa mill-imputata Carmen Butler li hija mart l-imsemmi Charles Butler.

Illi mill-provi jirizulta wkoll li aktar tard matul il-gurnata tat-18 ta’ Awissu 1998 l-imputata ghamlet rapport mal-Operations Room tal-Forzi Armati ta’ Malta li zewgha kien hareg bid-dghajsa il-gurnata ta’ qabel u kien ghadu ma rritornax. Irrizulta wkoll li fil-21 ta Awissu 1998 l-Awtoritajiet Taljani kienu nfurmaw lill-Awtoritajiet Maltin li nhar it-Tlieta 18 ta’ Awissu 1998 Carmelo Butler kien gie arrestat fi Sqallija waqt li allegatament kien inqabad idahhal immigranti illegali f’dak il-pajjiz.

Illi fl-istqarrija minnha rilaxxjata fid-19 ta’ Awissu 1998 (esebita *a folio* 17 tal-process l-imputata qalet li fis-17 ta’ Awissu 1998 ghal habta tat-8.00pm zewgha qalilha li kien hiereg bid-dghajsa jistad. Hija qalet ukoll li zewgha ma rritornax lura dak il-lejl kif kien jaghmel is-soltu meta

johrog jistad u l-ghada hija bdiet tinkwieta li ma kienx ser jilhaq jiffirma l-Ghassa ta' Bormla kif kien obbligat li jaghmel u ghalhekk ghal habta tal-11.30am hija marret ghand it-Tabib Michael Borg qaltlu li zewgha kien ftit ma jiflahx u talbitu johrog certfikat dwar zewgha sabiex hija tkun tista' tiprezentah l-Ghassa. Hija qalet ukoll li t-tabib ma staqsiha xejn dwar x'kellu zewgha u qabad u hareg ic-certifikat. L-imputata tghid li hija mbaghad baqghet sejra l-Ghassa u prezentat ic-certifikat mediku li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 17a tal-process u lil Pulizija ma qaltilhom xejn dwar il-fatt li zewgha kien hareg jistad u ma kienx irritorna lura.

Permezz tal-ewwel akkuza l-imputata tinsab akkuzata taht dak li jiddisponi l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta u cioe' talli f' Bormla, fit-18 ta' Awissu 1998, sabiex tikseb vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz, Il-Qorti jidrilha li din l-akkuza tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputata jirrizulta li fil-mument li hija marret ghand it-Tabib u nfurmatu li zewgha kien ma jiflahx u talbitu johrog certifikat mediku sabiex hija tkun tista' tiprezenta l-istess certifikat mediku l-ghassa hija kienet taf li zewgha ma kienx ma jiflahx u fil-mument li hija prezentat l-imsemmi certifikat mediku l-Ghassa ta' Bormla hija ghamlet dikjarazzjoni falza billi prezentat certifikat li kien jghid li zewgha ma setghax johrog mid-dar ghaliex kien ma jiflahx meta hija kienet taf ben tajjeb li zewgha ma kienx irritorna d-dar wara li hareg bid-dghajsa il-gurnata ta' qabel. Inoltre hija ex admissis tghid li naqset milli tinforma lil Pulizjia li zewgha kien hareg mid-dar il-gurnata ta' qabel u ma kienx irritorna lura. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova wkol ir-raba' akkuza u cioe' il-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338 (hh) tal-Kap. 9 izda l-Qrti jidrilha li din l-akkuza tista' titqies bhala assorbita fl-ewwel akkuza.

In kwantu jirrigwarda it-tieni u t-tielet akkuza migjuba fil-konfrotni tal-imputata dawn bl-ebda mod ma jista' jinghad li gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi stante li bl-ebda mod

ma rrizulta li saret xi falsifikazzjoni jew dikjarazzjoni falza mit-Tabib Michael Borg jew li l-imputata kienet komplici f'tali falsifikazzjoni jew ghoti ta' dikjarazzjoni falza maghmula mill-imsemmi Dr. Michael Borg.

Permezz tal-hames akkuza l-imputata qed tjigi akkuzata wkoll bir-reat kontemplat fl-Artkolu 189 tal-Kap. 9 tal-Lgijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:--

*Kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi document iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, u jekk ikun ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impieg tieghu, il-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sena.*

Hemm gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna li l-falz kontemplat fl-Artikoli 189 tal-Kap. 9 huwa l-falz materjali u mhux il-falz ideologiku. Il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) u cioe' **Pulizija vs Paul Galea (17 ta' Ottubru 1997)** u **Pulizija vs Paul Muscat (30 ta' Lulju 2004)** fejn il-Qorti spjegat id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku u fejn gie stabbilit li l-Artikolu 189 jirrferi ghall-falz materjali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Pulizijia vs Paul Muscat** appena citata il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghall-ispjegazzjoni li inghatat mill-gurista Francesco Antolisei dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku li hija s-segwenti.

*"Allo scopo di precisare la distinzione, il Manzini (conformemente, del resto, alla migliore dottrina straniera) si e' richiamato ai due diversi significati che, come abbiamo posto in rilievo, assume in genere il termine 'falso', e precisamente alla differenza tra 'non-genuinita' e 'non-veridicita'. Secondo l'insigne autore il falso materiale si ha quando il documento non e' genuino; il falso ideologico allorche' il documento e' bensi' genuino, ma non e' veridico, perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero."*

Fil-kaz in dizamina huwa evidenti li l-falz li bih qed tigi akkuzata l-imputata odjerna huwa l-falz ideologiku u mhux dak materjali u dan ghaliex mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputata qed tigi akkuzata li bidlet jew b'xi mod varjat certifikat diga' ezistenti. Jidher ghalhekk li l-Artikolu 189 ma jinkwadrax ruhu fil-fattispecie tal-kaz odjern stante li ma hemmx kontestazzjoni li c-certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabib Michael Borg huwa certifikat awtentiku iffirmat li dan ic-ceritifkat bl-ebda mod ma gie varjat jew mibdul.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputata kif ukoll it-trapass ta' zmien minn mindu nhargu l-akkuzi odjerni sakemm il-kawza waslet sabiex tigi deciza u jidrilha li piena pekunjarja tkun aktar opportuna fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 188 u 338(hh) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara lill-imputata hatja tal-ewwel u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha multa ta' mitt Lira (Lm100.00) u tiddikjaraha mhux hatja tat-tieni, it-tielet u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti taghha u tiliberaha mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------